Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Mario Bonnici)

vs

Robert Borg

Illum 10 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputat fuq imsemmi Robert Borg detentur tal-karta tal-identita Nru 554278M li permezz taghhom gie akkuzat :

a) talli nhar is-7 ta' Frar, 2001 ghall-habta tad-9.30a.m., gewwa tas-Sliema, hebb ghal persuna ta' Louis Gauci u ikkagunalu griehi ta' natura gravi, skond certifikat mahrug mit-tabib Dr. M. Grixti M.D. tal-Poliklinika tal-Gzira (Sezz. 216 tal-Kap. 9);

b) talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, gewwa tas-Sliema, ikkaguna hsara volontarja fuq nuccali tal-vista

tas-Sur Anthony Gauci, liema hsara li saret ghad-detriment tal-istess persuna, tammonta ghal iktar minn hamsin lira Maltin (LM50), izda inqas minn hames mitt lira Maltin (LM500);

c) talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, gewwa tas-Sliema, ikkaguna hsara volontarja fuq numru tar-registrazzjoni tal-vettura DAN057, liema vettura tappartjeni lis-Sinjuri Bartolo u liema hsara li saret ghad-detriment tal-istess persuni u/jew tal-Gvern ta' Malta, tammonta ghal inqas minn hamsin lira Maltin (LM50);

d) talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, gewwa tas-Sliema, kiser il-bon ordni u il-paci pubblika, b'ghajjat u glied;

e) talli fl-istess jum, hin, post u cirkostanzi tkellem fahxi, u qal diversi kliem iehor li jammonta f'dagha u kliem hazin;

f) u aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, wara li diga kien instab hati ta' reati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 2 ta' Frar, 1998;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-8 ta' Novembru, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, fl-Artikolu 214, 216 tal-Kodici Kriminali, fl-Artikoli 338(dd), 338(bb), 342 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-7 ta' Frar ta' din is-sena sar rapport fl-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema ghall-habta tad-9.30a.m. fis-sens illi zewg persuni, l-imputat, proprjetarju tal-vettura numru ta' registrazzjoni DUY 002, u Louis Borg, persuna ftit imdahhla fiz-zmien, u li kien qieghed jaghmel uzu mill-vettura numru ta' registrazzjoni

DAN 057 kellhom argument fi Triq Manwel Dimech, Sliema u gew fl-idejn. Il-pulizija accedew fuq il-post u ghamlu l-istharrig mehtieg.

Illi gie arrestat l-imputat illi irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn qal illi kien jahdem bhala ‘sales assistant’ fil-hanut taz-zraben ‘Marco Shoe Store’ Manuel Dimech Street, Tas-Sliema u illi fis-7 ta’ Frar tas-sena li ghaddiet huwa kien ipparkja l-karozza tieghu mal-hajt oppost tal-hanut imsemmi u meta kien qieghed inaddaf il-hgieg ta’ barra tal-hanut ra vettura Hyundai Pony numru ta’ registrazzjoni DAN 057 u l-persuna li kien qieghed isuq din il-vettura ipprova jipparkjaha quddiem il-karozza tieghu. Huwa innota illi s-sewwieq ta’ din il-vettura kien laqat il-vettura tieghu, izda mal-ewwel saq ‘il quddiem. L-imputat iddecieda Ii jmur jghidlu izda dan is-sewwieq rega’ strah mal-vettura tieghu, jigifieri tal-imputat u peress illi l-imputat deherlu li setgha kien ikkawzalu xi hsara mar biex ikellmu. L-imputat stqarr mal-pulizija li mar ikellem lis-sewwieq minn naha tax-xuffier, habbatlu mal-hgiega u kif hareg hu infurmah li kien laqatlu l-karozza tieghu. Dan cahad, izda l-imputat baqa jinsisti li rah jolqotlu l-vettura u kif dan nizel mill-karozza l-imputat gibidlu l-attenzjoni ghall-hsara li kien innota fuq il-vettura tieghu u cioe’ ghafsa fuq it-tarf ta’ quddiem tal-bonnet, titjira fiz-zebgha mal-istess ghafsa,

girfa irqieqa fuq il-bumper u spray imtajjar fuq il-parti ta' isfel tal-ispojler u girfa fix-xibka. L-imputat qal li dan ir-ragel baqa' jinsisti li ma kienx laqtu u irrifjuta li tissejjah il-pulizija fuq il-post. L-imputat stqarr mal-pulizija li dan ir-ragel offendih bil-mejtin tieghu, bil-familjari tieghu u huwa wiegbu bl-istess mod. Sussegwentement, skond l-imputat, dan ir-ragel imbuttah fuq il-bonnet tal-karozza tieghu u l-imputat imbuttah lura u laqtu f'wiccu. Kif imbuttah l-imputat tajjarlu n-nuccali mal-art u gabarulu, pero' kif ghaddihulu, dejjem skond l-imputat, dan ir-ragel laqatlu idejh u n-nuccali rega' waqa. L-imputat ammetta illi innota demm hiereg minn fuq ix-xahar ta' ghajnejn ta' dan ir-ragel. Huwa stqarr illi ferquhom n-nies u giet tfajla li kienet ma dan ir-ragel u bdiet toffendih. Wara ftit gew il-pulizija u huwa qalilhom x'kien gara. Huwa stqarr illi dan ir-ragel huwa dispost li jahfirlu huwa lest ukoll illi jahfirlu u jekk ihallsu l-hsara fil-karozza huwa ihallaslu n-nuccali.

Illi l-imputat irrilaxxja t-tieni stqarrija tieghu lill-pulizija fejn ammetta illi huwa kien ghawweg in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura Hyundai, pero' cahad li ta wkoll daqqiet fuq din il-vettura. L-imputat qal illi dawk il-persuni kienu tkellmu hazin mieghu u huwa ma tkellimx hazin maghhom u dana minkejja illi fl-ewwel stqarrija tieghu l-imputat kien ammetta illi huwa kien tkellem hazin wara illi dak ir-ragel kien tkellem

hazin mieghu. L-imputat gie mistoqsi dwar l-access illi kien sar fil-prezenza tal-imputat mill-pulizija li kienu marru fuq il-post fejn allegatament sehh l-incident u wara li tpoggew iz-zewg vetturi biswit xulxin instab li tlieta mill-hsarat illi l-imputat allega li saru mill-persuna l-ohra ma setghux saru minn din il-persuna peress illi l-livelli tal-vetturi assolutament ma kienx jaqbel, filwaqt illi l-unika hsara li setghet saret mill-vettura Hyundai kienet it-tghawwiga zghira fin-number plate tal-vettura tal-imputat u titjira fiz-zebgha fuq l-ispojler ta' taht, liema titjira kienet tinsab bejn wiehed u iehor fl-istess livell tas-'silencer' tal-Hyundai. L-imputat ghalhekk gie mistoqsi ghalfejn kien semma hsarat li qatt ma setghu gew kagunati mill-Hyundai. L-imputat wiegeb illi huwa kien semma dawk il-hsarat peress li kien deherlu li kien ghamilhom dak ir-ragel, izda issa kien qieghed jirrealizza li setgha ghamilhom xi hadd qablu u hu kien ghadu ma indunax bihom. Gie suggerit lill-imputat li ma kienx minnu li s-Sur Gauci kien imbuttah qabel ma hu kien tah id-daqqa fuq wiccu u lanqas kien minnu li l-imputat kien gabarlu n-nuccali minn mal-art wara li tarlu, izda kienu n-nies li gabruhulu n-nuccali lis-Sur Gauci. L-imputat baqa isostni l-verzjoni li kien ta fl-ewwel stqarrija tieghu.

Illi xehed is-Sur Louis Gauci illi qal illi huwa irtirat mix-xoghol illi kellu ta' Assistant General Manager mal-APS

Bank. Huwa qal illi fis-7 ta' Frar, 2001 ghall-habta tad-9.30a.m. kien mat-tifla tieghu u mar biex jipparkja f'Manoel Dimech Street, Tas-Sliema. Meta hargu mill-karozza induna li kien hemm double lines u lit-tifla qalilha sabiex tmur taghmel il-qadjiet taghha u huwa jipprova jipparkja x'imkien aktar 'il fuq. Fortunatament sab post aktar 'il fuq bejn il-'Pip's Store' u 'Marco's Shoe Store'. Kif appena ipparkja l-vettura hareg l-imputat fuq imsemmi u beda jghajjat u beda jghidlu, "Aghtini 'number plate' gdid". Is-Sur Gauci xehed illi hareg mill-vettura u l-imputat qallu, "Aghtini 'number plate' gdid ghaliex ilqatli n-'number plate' tieghi." Is-Sur Gauci qallu li dan ma kienx minnu, hareg mill-vettura u ra lill-imputat inehhi t-trab minn fuq in-'number plate' u qallu, "Ara kif ghandi 'dent' hawn hekk fuq in-'number plate'. Is-Sur Gauci baqa' jichad u l-imputat beda jinsulentah bil-mejtin tieghu u s-Sur Gauci qallu, "Nirreciprokalek dawn il-kliem li qieghed tghidli". Is-Sur Gauci kompla jixhed illi l-imputat ghajru, "Pufta", umbaghad kien hemm latanija shiha ta' dagha bil-Madonna. Huma baqghu jargumentaw u l-imputat, skond is-Sur Gauci, sab xi daqqa ohra fuq il-karozza tieghu u dana wara li kien ghadda ftit hin. Is-Sur Gauci dahal bejn iz-zewg vetturi u l-imputat ukoll dahal hemm hekk u l-imputat qallu, "Ara hemm dik id-daqqa". Is-Sur Gauci baqa' jichad illi fil-fatt kien hu li kien laqat il-vettura tal-imputat.

Fil-frattemp l-imputat cempel x'imkien u wara qal lis-Sur Gauci biex jaghtih hames liri (LM5) ghal 'number plate' gdid. Is-Sur Gauci qallu, "Jiena ma ilqattekx u mhux ser naghtik xejn". F'dan il-hin l-imputat, dejjem skond is-Sur Gauci, beda jimbuttah biex jghaddi u hu qallu, "Isma timbuttanix". Umbaghad l-imputat xejjirlu daqqa ta' ponn fqu hugbejh ta-xellug, kissirlu n-nuccali, hariglu d-demm minn wiccu u farraklu n-nuccali. Fil-frattemp giet it-tifla tas-Sur Gauci li ma indunatx b'dak li kien gara u regghet marret ghal ftit hin ghand il-'Pip Store'. Meta giet lura t-tifla tas-Sur Gauci rega' hareg l-imputat u beda jghajjat u qallu, "Ticcaqlaqx minn hemm hekk" ghaliex skond l-imputat kien cempel il-pulizija li kienu qalulu li ma kienux gejjin fuq il-post. Is-Sur Gauci kompla jixhed illi meta mar l-ghassa tal-pulizija il-pulizija kienu qalulu li ma kienx minnu li kien cemplilhom l-imputat u ghamel xi rapport. Is-Sur Gauci kompla jixhed illi huwa ghamel rapport lill-pulizija u mar ukoll il-polyclinic u ottjena certifikat mediku. Is-Sur Gauci xehed illi ghamlulu l-ponti f'wiccu u illi kien mar l-Optika Tas-Sliema fejn inghata stima tan-nuccali li kien inkisirlu. Is-Sur Gauci kompla jixhed illi jumejn wara kien cempillu l-Ispettur Bonnici biex imur bil-vettura tieghu u jaghmilha fl-istess post fejn kienet meta gara l-incident u s-Sur Gauci hekk ghamel. L-imputat kien hemm hekk u beda jivvinta aktar hsarat bhal grif fuq il-bonnet. Is-Sur Gauci xehed illi l-

Ispettur ghall-ewwel kellu dubbju li forsi bis-'silencer 'setgha laqat il-bumper tal-vettura tal-imputat, pero' pulizija iehor kien gibed l-attenzjoni ghall-fatt illi s-'silencer' tal-vettura tas-Sur Gauci la kellu zebgha mieghu, la kien dented u z-zejt li kellu mieghu kien ghadu kollu hemm hekk.  Is-Sur Gauci kompla jixhed illi l-imputat meta gara l-incident kien ilwielu n-'number plate' tal-vettura tieghu u qallu, "imbaghad nichad li kont jien li ilwejthom."

Illi xehed Dr Mario Grixti li ikkonferma li kien irrilaxxja c-certikat mediku lis-Sur Louis Gauci illi huwa immarkat bhala Dokument MB4 u ikkonferma wkoll illi l-griehi li soffra s-Sur Gauci kienu ta' natura gravi peress illi kienu fil-wicc u setghu ihallu marka.

Illi xehed Chris Sansone, Manager tal-Optica, The Strand Sliema u ikkonferma illi kien hareg stima ghan-nuccali tas-Sur Gauci ghall-ammont ta' LM56 u ftakar ukoll illi n-nuccali tas-Sur Gauci kien miksur u ma setghax jitranga.

Illi xehed Jose Abela, rapprezentant tal-Licensing Office, u qal illi jekk persuna tkun trid tibdel in-'number plate' tal-vettura taghha trid thallas is-somma ta' ghaxar liri (LM10).

Illi xehdet Christine Bartolo, bint is-Sur Gauci, illi pero' ma ratx l-incident jigri. Hija kienet semghet pero' lill-imputat jghajjat maghha u rat li kellha n-'number plates' tal-vettura taghha mghawgin u rat ukoll daqqa fuq il-'luggage booth' fuq in-naha ta' wara u fuq in-naha tal-lemin.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi illi qal illi kien gibed l-attenzjoni tas-Sur Gauci ghall-fatt illi kien laqatlu l-karozza, pero' is-Sur Gauci baqa jichad illi kien laqatlu l-vettura tieghu. Skond l-imputat is-Sur Gauci imbuttah u huwa gie fuq il-bonnet tal-karozza tieghu stess. L-imputat xehed illi huwa kien imbotta lura lis-Sur Gauci u ra n-nuccali itir. L-imputat kompla jixhed illi n-nuccali waqa mal-art, huwa gabru u mar jaghtihulu, baqghu jargumentaw u f'hin minnhom l-imputat ghawweg in-'number plate' tal-vettura li kien qieghed isuq is-Sur Gauci, pero' s-Sur Gauci rega' tah daqqa u dahhlu gewwa. L-imputat xehed illi sa fejn jaf hu n-nuccali tas-Sur Gauci kien tajjeb u ma kienx mghawweg jew miksur ghaliex li kieku is-Sur Gauci ma kienx jerga jilbsu. L-imputat cahad illi kien semma s-somma ta' hames liri (LM5) lis-Sur Gauci. L-imputat ikkonferma z-zewg strarrijiet li kien irrilaxxja lill-pulizija. Huwa ammetta li ra d-demm f'wicc is-Sur Gauci u mistoqsi kif is-Sur Gauci kellu dawn il-griehi meta skond l-imputat kull ma ghamel kien li imbuttah, l-imputat wiegeb li ma jafx, pero' rega' qal li ra d-

demm fuq naghas is-Sur Gauci u ammetta wkoll illi l-griehi kienu gew ikkagunati dak il-hin tal-incident. Huwa cahad li kien tah daqqa ta' ponn u kissirlu n-nuccali f'ghajnejh. Qal biss illi hu imbuttah, illi seta' imbuttah minn wiccu, pero' ma jiftakarx.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet differenti, l-verzjoni illi ta l-imputat u l-verzjoni illi ta Anthony Gauci. Il-Qorti pero' wara li fliet sewwa l-provi tqis illi l-verzjoni li ta l-imputat mhijiex wahda kredibbli u dan ghas-segwenti ragunijiet :

1) Illi fl-ewwel lok l-imputat iccaqlaq mill-verzjoni li ta fl-ewwel stqarrija meta irrilaxxja t-tieni stqarrija tieghu fis-sens illi fl-ewwel stqarrija huwa kien ammetta illi kien tkellem hazin wara li kellmu hazin is-Sur Gauci, pero' fit-tieni stqarrija, mistoqsi kienx tkellem hazin, l-imputat qal illi hu ma tkellimx hazin, kien biss is-Sur Gauci illi tkellem hazin. Illi konsiderazzjoni ohra hija illi mhux verosimili illi persuna anzjana bhalma hu s-Sur Gauci jaqbad u jimbotta lill-imputat ta' 22 sena, kif iridna nemmnu l-imputat.

2) Illi l-imputat kien ukoll inkonsistenti fil-verzjoni illi ta dwar in-nuccali tas-Sur Gauci. L-iimputat l-ewwel qal illi huwa ra n-nuccali jaqa mal-art meta imbotta lil Gauci u refghu minn l-art u tah lis-Sur Gauci, pero' s-Sur Gauci laqatlu jdejh u n-nuccali rega' waqa' mal-art. Sussegwentement meta xehed fil-Qorti, l-imputat qal illi kien hu stess illi ta n-nuccali lis-Sur Gauci u illi sa fejn kien jaf hu in-nuccali kien tajjeb u mhux mghawweg jew imkisser.

3) Illi meta irrilaxxja l-ewwel stqarrija tieghu l-imputat kien accetta illi jhallas ghan-nuccali tas-Sur Gauci jekk s-Sur Gauci ihallaslu l-hsarat illi kellu fil-vettura tieghu.

4) Illi meta xehed fil-Qorti l-imputat ammetta illi kien ghawweg in-'number plate' tas-Sur Gauci. Ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat, l-istess imputat ikkometta atti ta' vjolenza - it-tkissir tan-nuccali tas-Sur Gauci, kif ukoll in-'number plate' imghawweg mill-istess imputat.

5) Illi dwar il-griehi li soffra s-Sur Gauci f'wiccu, liema griehi huma ta' natura gravi, l-imputat baqa' isostni illi huwa kullma ghamel kien illi imbotta lis-Sur Gauci wara illi l-ewwel kien gie imbuttat mis-Sur Gauci. Pero', l-imputat xehed illi ra d-demm f'wicc is-Sur Gauci u illi dan id-demm

rah mhux qabel l-incident, pero' waqt l-incident u ikkonferma bil-gurament tieghu illi dan id-demm u il-griehi f'wicc is-Sur Gauci gew ikkagunati permezz ta' dan l-incident.

6) Illi irrizulta wkoll mill-provi illi l-imputat attribwixxa diversi daqqiet li kellu fil-karozza tieghu lis-Sur Gauci, mentri meta l-pulizija marru jaghmlu "re-enactment" fuq il-post fejn gara l-incident biz-zewg karozzi, jigifieri dik tal-imputat u dik tas-Sur Gauci, irrizulta li kien hemm biss marka wahda li forsi setghet kienet ikkagunata mis-Sur Gauci, pero' lanqas din ma kienet taqbel. Fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur qal illi kullma jista jghid dwar din il-marka hija li ma jistax jeskludi li giet ikkagunata mis-Sur Gauci, pero' lanqas setgha jikkonkludi illi kien is-Sur Gauci li ikkaguna din il-marka. Dwar id-diversi marki l-ohrajn illi l-imputat ipprova jattribwixxi lis-Sur Gauci, l-Ispettur Bonnici ikkonferma illi dawn ma setghu qatt gew ikkagunati mis-Sur Gauci u dana wara illi gew komparati l-livelli taz-zewg vetturi jigifieri il-vetturi tal-imputat u tas-Sur Gauci.

7) Illi l-imputat, rinfaccat b'dawn il-fatti, ammetta illi forsi l-marki kienu hemm hekk minn qabel u huwa ma kienx induna bihom.

Illi din id-dikjarazzjoni tal-imputat mhijiex verosimili. L-imputat huwa bniedem pjuttost iffissat fil-vettura tieghu, joqghod 'on the lookout' anke meta jkun ix-xoghol biex hadd ma jolqothielu u l-Qorti ma tistax timmagina kif l-imputat ma indunax b'dawn id-daqqiet qabel.

Illi, b'kuntrast, il-verzjoni illi ta' Anthony Gauci hija konsistenti u verosimi ferm u l-Qorti temmen illi fil-fatt dak illi gara meta sehh l-incident mertu ta' din l-imputazzjoni huwa ezattament kif xehed u spjega Anthony Gauci.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-8 ta' Novembru 2001, kif ukoll l-Artikoli 325 (c) u 325(b) u l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Il-Qorti tillibera lill-imputat mis-sitt imputazzjoni illi ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma wera l-ebda dispjacir jew rimors ghal dak illi ghamel. Il-Qorti rat ukoll illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali netta u illi refa' idejh fuq persuna illi kellha 'il fuq

minn sittin sena, haga totalment inaccettabbli u kundannabbli ferm f'socjeta' civilizzata.

Il-Qorti tara pero' illi jkun aktar ta' beneficcju ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk filwaqt illi qeghda tikkundannah ghall-prigunerija ta' sena tordna illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 din il-prigunerija tkun sospiza ghal tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 u tordna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi s-somma ta' LM10 lill-imsemmija Sinjuri Bartolo u s-somma ta' LM56 lis-Sur Anthony Gauci u dana fi zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat mill-hati illi jekk jonqos li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva l-Qorti ghandha wara rikors mahluf mill-parti li lilha jkunu dovuti dik ir-restituzzjoni jew dak il-kumpens, liema rikors ghandu jigi notifikat lill-hati tistabilixxi jum u hin mhux aktar tard minn

seba' tijiem mid-data tan-notifika tar-rikors sabiex jinstemghu l-partijiet u jekk il-Qorti wara s-smigh tkun sodisfatta li l-hati jkun naqas li jikkonforma ruhu mad-direttiva taghha hija ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda isehh.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur
Vera kopja,

Deputat Registratur